

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, The Bazooka Companies, Inc.

Permezz ta' digriet tat-2 ta' Frar 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma huwiex ammissibbli u li l-Appellant għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) fit-28 ta' Diċembru 2022 – R GmbH vs Bürgermeister der Landeshauptstadt Innsbruck**  
**(Kawża C-790/22, Bürgermeister der Landeshauptstadt Innsbruck)**

(2023/C 94/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: R GmbH.

Konvenut: Bürgermeister der Landeshauptstadt Innsbruck

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 14(2)(b) flimkien mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel<sup>(1)</sup>, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regola jew interpretazzjoni minn Stat Membru li tgħid liema prodotti tal-ikel għandhom jitqiesu bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem jekk l-użu maħsub tagħhom ma huwiex iggarantit, mingħajr ma huma meħtieġa r-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 14(5) tar-regolament imsemmi iktar 'il fuq dwar għalfejn il-prodotti tal-ikel saru inaċċettabbli għall-konsum mill-bniedem (kontaminazzjoni b'materjal estraneju jew mod ieħor, putrifikazzjoni, deterjorament jew tħassir)?

Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv:

2) L-Artikolu 14(2)(b) flimkien mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament Nru 178/2002, għandu jiġi interpretat fis-sens li prodotti tal-ikel għandhom jitqiesu bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem jekk il-prodotti tal-ikel, meta kkonsumati kif intiż, iwasslu għal qbiż kbir (ħames darbiet għal adult medju li jiżen 70 kg) ta' valur meqjus mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, fil-kuntest ta' evalwazzjoni ta' addittiv tal-ikel (li jinsab fil-prodotti tal-ikel), bħala l-valur tad-doża aċċettabbli ta' kuljum (ADI)?

---

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463, rettifiki fil-ĠU 2014, L 327, p. 9, u fil-ĠU 2016, L 227, p. 5.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kúria (l-Ungerija) fit-2 ta' Jannar 2023 – X vs Agrárminiszter**

**(Kawża C-6/23 Baramlay<sup>(1)</sup>)**

(2023/C 94/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Qorti tar-rinviju**

Kúria

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: X

Konvenut: Agrárminiszter